



EBA/GL/2015/07

06.08.2015

Linji gwida

dwar l-interpretazzjoni taċ-ċirkostanzi differenti meta istituzzjoni għandha titqies bħala li qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli skont l-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2014/59/UE

Kontenut

Linji gwida tal-EBA dwar l-interpretazzjoni taċ-ċirkostanzi differenti meta istituzzjoni għandha titqies bħala li qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli skont l-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2014/59/UE	3
Titolu I - Is-suġġett, il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet	4
Is-Sugġett	4
Definizzjonijiet	5
Il-kamp ta' applikazzjoni u d-destinatarji	5
Titolu II – Elementi oġġettivi għad-determinazzjoni ta' istituzzjoni bħala li qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli	6
1. Kunsiderazzjonijiet ġenerali	6
2. Il-pożizzjoni kapitali	7
3. Il-pożizzjoni tal-likwidità	9
4. Rekwiżiti oħrajn għat-tkomplija tal-awtorizzazzjoni	11
Titolu III – Il-proċess tad-determinazzjoni li istituzzjoni qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli	12
1. Determinazzjoni magħmula mill-awtorità kompetenti	12
2. Determinazzjoni magħmula mill-awtorità tar-risoluzzjoni	13
3. Konsultazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn l-awtorità kompetenti u l-awtorità tar-risoluzzjoni	13
Titolu IV - Dispożizzjonijiet Finali u Implimentazzjoni	15

Linji gwida tal-EBA dwar l-interpretazzjoni taċ-ċirkostanzi differenti meta istituzzjoni għandha titqies bħala li qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli skont l-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2014/59/UE

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar Prattiki Superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 06.10.2015. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2015/07'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3). **Titolu**

I - Is-suġġett, il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet

Is-Sugġett

5. Skont l-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2014/59/UE, dawn il-Linji Gwida għandhom l-għan li jippromwovu l-konverġenza tal-prattiki ta' superviżjoni u riżoluzzjoni fir-rigward tal-interpretazzjoni taċ-ċirkostanzi differenti meta istituzzjoni titqies bħala li qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli.
6. Għal dan l-iskop, dawn il-Linji Gwida jipprovdu sett ta' elementi oġġettivi li għandhom jappoġġjaw id-determinazzjoni li istituzzjoni qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli, b'konformità maċ-ċirkostanzi stipulati fl-Artikolu 32(4)(a), (b) u (c) tad-Direttiva 2014/59/UE. Meta tali determinazzjoni ssir mill-awtorità kompetenti, hija tkun ibbażata fuq l-eżiti tal-SREP imwettaq b'konformità mal-Artikolu 97 tad-Direttiva 2013/36/UE u speċifikat aktar fil-Linji Gwida dwar l-SREP. F'dan ir-rigward, l-awtorità tar-riżoluzzjoni jista' jkollha bżonn tinterpreta l-eżiti tal-SREP meta tiġi kkonsultata mill-awtoritajiet kompetenti b'konformità mal-Artikolu 32(1)(a) tad-Direttiva 2014/59/UE.
7. Dawn il-Linji Gwida ma għandhomx ifissru bħala li jirrestrinġu d-diskrezzjoni aħħarija tal-awtorità kompetenti u tal-awtorità tar-riżoluzzjoni sabiex jiddeterminaw li istituzzjoni qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli. L-identifikazzjoni li mmaterjalizza element oġġettiv elenkat fit-**Titolu II** ta' dawn il-Linji Gwida fir-rigward ta' istituzzjoni partikolari ma għandhiex twassal lill-awtorità kompetenti jew tar-riżoluzzjoni, kif jista' jkun il-każ, għad-determinazzjoni awtomatika li l-istituzzjoni qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli jew tirriżulta f'applikazzjoni awtomatika tal-għodod ta' riżoluzzjoni. B'mod simili, il-lista ta' elementi oġġettivi speċifikati f'dawn il-Linji Gwida mhijiex eżawrjenti u għandha tibqa' miftuħa minħabba li mhux iċ-ċirkostanzi ta' kriżi kollha jistgħu jkunu previsti b'mod raġonevoli.
8. Dawn il-Linji Gwida għandhom jinqraw flimkien mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 32(1)(b) u (c) tad-Direttiva 2014/59/UE, li jispeċifikaw iż-żewġ rekwiżiti l-oħrajn, minbarra 'n-nuqqas jew il-probabbiltà ta' nuqqas', li jeħtieġ li jiġu ssodisfati sabiex ikunu jistgħu jittieħdu azzjonijiet ta' riżoluzzjoni. Bħala konsegwenza, id-determinazzjoni li istituzzjoni qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli magħmula mill-awtorità kompetenti u/jew mill-awtorità tar-riżoluzzjoni b'konformità ma' dawn il-Linji Gwida, minnha nnifisha ma timplikax li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet kollha sabiex ikunu jistgħu jittieħdu azzjonijiet ta' riżoluzzjoni. Għall-finijiet tal-kompletezza, ta' min iżomm f'moħħu li, skont l-Artikolu 32(1)(b) u (c) tad-Direttiva 2014/59/UE, rispettivament, it-teħid ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni huwa soġġett ukoll għan-nuqqas ta' azzjoni ta' superviżjoni jew azzjoni alternattiva fis-settur privat li tista' tittieħed sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli, kif ukoll li l-azzjoni ta' riżoluzzjoni hija neċessarja fl-interess pubbliku.

9. Id-dispożizzjonijiet f'dawn il-Linji Gwida għandhom japplikaw ukoll meta determinazzjoni li istituzzjoni qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli titmexxa mill-awtorità rilevanti fil-kuntest tad-determinazzjoni li istituzzjoni ma għadhiex vijabbli għall-fini tal-eżerċitar ta' tniżżil fil-valur u/jew konverżjoni tal-potenza b'konformità mal-Artikolu 60 tad-Direttiva 2014/59/UE.

Definizzjonijiet

10. Għall-fini ta' dawn il-Linji Gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
- 'SREP' tfisser il-proċess superviżorju ta' rieżami u evalwazzjoni, kif definit fl-Artikolu 97 tad-Direttiva 2013/36/UE u speċifikat aktar fil-Linji Gwida dwar l-SREP.
 - 'Linji Gwida dwar l-SREP' tfisser il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-proċeduri u l-metodoloġiji komuni għall-SREP żviluppatti b'konformità mal-Artikolu 107(3) tad-Direttiva 2013/36/UE².
 - 'Valutazzjoni globali tal-SREP', kif definita fil-Linji Gwida dwar l-SREP, hija l-valutazzjoni aġġornata tal-vijabbiltà globali ta' istituzzjoni abbażi ta' valutazzjoni tal-elementi tal-SREP.
 - 'Punteġġ globali tal-SREP', kif definit fil-Linji Gwida dwar l-SREP, huwa l-indikatur numeriku tar-riskju globali għall-vijabbiltà ta' istituzzjoni abbażi tal-valutazzjoni globali tal-SREP.

Il-kamp ta' applikazzjoni u d-destinatarji

11. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti, kif definiti fl-Artikolu 4(2)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jstabbilixxi l-EBA, kif ukoll lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, kif definiti fl-Artikolu 4(2)(iv) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, meta jivalutaw jekk istituzzjoni hijiex qiegħda tfalli jew jekk huwiex probabbli li tfalli, skont l-Artikolu 32(1)(a) tad-Direttiva 2014/59/UE jew l-Artikolu 32(2), rispettivament.
12. Il-Linji Gwida japplikaw ukoll għall-istituzzjonijiet meta jstabbilixxu lilhom infushom bħala li qiegħdin jonqsu jew li probabbli jonqsu, b'konformità mal-Artikolu 81(1) tad-Direttiva 2014/59/UE. F'dan ir-rigward, il-partijiet ta' dawn il-Linji Gwida li jagħmlu referenza għall-kundizzjonijiet għal riżoluzzjoni stabbiliti fl-Artikolu 32(1)(b) u (c) tad-Direttiva 2014/59/UE ma japplikawx għall-istituzzjonijiet.
13. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida huwa estiż 'lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni stabbilit mill-Artikolu 32(4) tad-Direttiva 2014/59/UE, minħabba li t-Taqsima 3 tat-Titolu III tkopri wkoll il-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtorità kompetenti u l-awtorità tar-riżoluzzjoni għall-fini tat-twettiq ta' determinazzjoni li istituzzjoni qiegħda tfalli

² EBA/GL/2014/13 tad-19 ta' Diċembru 2014

jew li x'aktarx tfalli. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-EBA tista' toħroġ linji gwida sabiex tistabbilixxi prattiki superviżorji konsistenti, effikaċi u effettivi fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja. Il-gwida addizzjonali pprovduta fit-Taqsima 3 tat-Titolu III hija limitata għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet stabbiliti fl-istess ġurisdizzjoni u d-dispożizzjonijiet tagħha huma mingħajr preġudizzju għar-regoli li jikkonċernaw l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet f'ġurisdizzjonijiet differenti. Fl-Istati Membri fejn l-awtorità tar-risoluzzjoni ma tingħatax is-setgħa li tiddetermina li istituzzjoni qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli, id-dispożizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 40-41 ma japplikawx.

Titolu II – Elementi oġġettivi għad-determinazzjoni ta' istituzzjoni bħala li qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli

1. Kunsiderazzjonijiet ġenerali

14. Għall-finijiet tat-twettiq ta' determinazzjoni li istituzzjoni qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli, b'konformità maċ-ċirkostanzi stipulati fl-Artikolu 32(4)(a)-(c) tad-Direttiva 2014/59/UE, l-awtorità kompetenti u l-awtorità tar-risoluzzjoni, kif jista' jkun il-każ, għandha tivvaluta l-elementi oġġettivi relatati mal-oqsma li ġejjin, kif speċifikati aktar f'dawn il-Linji Gwida:
 - il-pożizzjoni kapitali ta' istituzzjoni;
 - il-pożizzjoni tal-likwidità ta' istituzzjoni; u
 - kwalunkwe rekwiżit ieħor għat-tkomplija tal-awtorizzazzjoni (inklużi l-arranġamenti ta' governanza u l-kapaċità operattiva).
15. L-elementi oġġettivi elenkati f'dawn il-Linji Gwida għandhom jiġu analizzati bir-reqqa fuq bażi komprensiva. Id-determinazzjoni li istituzzjoni qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli għandha tibqa' ġudizzju espert u ma għandhiex tiġi derivata awtomatikament minn kwalunkwe wieħed mill-elementi oġġettivi biss. Dan huwa partikolarment minnu fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-elementi li jistgħu jiġu affettwati minn fatturi li mhumiex direttament relatati mal-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni.
16. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, huwa mistenni li diversi fatturi, aktar milli sempliċiment wieħed, stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida, jinformaw id-determinazzjoni li istituzzjoni qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli. Madankollu, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn l-issodisfar ta' kundizzjoni waħda biss, skont is-severità u l-impatt prudenzjali tagħha, ikun biżżejjed biex iwassal għal riżoluzzjoni.
17. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 16, uħud mill-elementi oġġettivi inklużi f'dawn il-Linji Gwida, bħall-iżviluppi makro-ekonomiċi u l-indikaturi tas-suq, għandhom dejjem jiġu vvalutati flimkien ma' fatturi oħrajn għad-determinazzjoni li istituzzjoni qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli, u jiġu inkwadriati f'valutazzjoni komprensiva tal-istituzzjoni. Meta l-awtoritajiet rilevanti jużaw l-indikaturi esterni msemmija fil-paragrafi 21(c)-(e) u 25(a)-(b) ta' dawn il-Linji Gwida,

kwalunkwe determinazzjoni relatata mal-istituzzjoni li tfalli jew li probabbli tfalli għandha tiġi appoġġjata minn valutazzjoni oġġettiva tal-pożizzjoni finanzjarja attwali tal-istituzzjoni, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jilqgħu għar-riskju ta' spekulazzjoni tas-suq u jirrikonoxxu r-riskju ta' fallimenti tas-suq f'każ ta' kriżi sistemika.

18. Meta tiġi biex tiddetermina jekk istituzzjoni hijiex qiegħda tfalli jew huwiex probabbli li tfalli, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità tar-riżoluzzjoni għandha tibbaża d-determinazzjoni tagħha fuq il-valutazzjoni tal-elementi oġġettivi stabbiliti fit-Taqsimiet 2, 3 u 4 tat-Titolu II u tiegħu f'kunsiderazzjoni dawn li ġejjin, fejn rilevanti:
 - a. il-fatt li istituzzjoni attivat il-pjan ta' rkupru tagħha u li l-implimentazzjoni tal-għażliet ta' rkupru magħżula mill-pjan ta' rkupru tagħha falliet, b'mod partikolari meta l-attivazzjoni tal-pjan ta' rkupru tkun ġiet imposta fuq istituzzjoni mill-awtorità kompetenti bħala miżura ta' intervent bikri skont l-Artikolu 27(1)(a) tad-Direttiva 2014/59/UE;
 - b. notifika riċevuta mill-awtorità kompetenti b'konformità mal-Artikolu 81(1) tad-Direttiva 2014/59/UE mingħand il-korp maniġerjali ta' istituzzjoni, li tqis l-istituzzjoni bħala li qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli.

2. Il-pożizzjoni kapitali

19. B'konformità mal-Artikolu 32(4)(a) u (b) tad-Direttiva 2014/59/UE, istituzzjoni għandha titqies bħala li qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli jekk ikun hemm elementi oġġettivi li jappoġġjaw determinazzjoni li fil-futur qrib hija ser:
 - a. tikser ir-rekwiżiti tal-fondi proprji, inklużi r-rekwiżiti imposti skont l-Artikolu 104(1)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE, b'rabta mat-tkomplija tal-awtorizzazzjoni, b'mod li jiġġustifika l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tagħha mill-awtorità kompetenti, inkluż iżda mhux limitat għar-raġuni li hija tkun ġarrbet jew x'aktarx li ġġarrab telf li jwassal għal tnaqqis tal-fondi proprji kollha tagħha jew ta' ammont sinifikanti minnhom; jew
 - b. ikollha assi li jkunu inqas mill-obbligazzjonijiet tagħha.
20. Meta jiġu vvalutati l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni fil-futur qrib u meta jiġi vvalutat jekk l-istituzzjoni hijiex ser tikkonforma fil-futur qrib mar-rekwiżiti tal-fondi proprji, id-determinazzjoni għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li, fost l-oħrajn, jinkludu:
 - a. il-livell u l-kompożizzjoni tal-fondi proprji miżmuma minn istituzzjoni u jekk hija tissodisfax ir-rekwiżiti minimi u addizzjonali tal-fondi proprji imposti fuq l-istituzzjoni b'konformità mal-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u mal-Artikolu 104(1)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE;
 - b. ir-riżultati ta' analiżi tal-kwalità tal-assi, inkluża analiżi tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku ('MSU') nazzjonali/tal-Unjoni, li jindikaw tnaqqis sinifikanti fil-valur tal-assi li jwassal għal ksur tar-rekwiżiti tal-fondi proprji, fejn disponibbli;

- c. ir-riżultati ta' kwalunkwe valwazzjoni mwettqa sabiex jiġi stabbilit jekk il-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni ġewx issodisfati b'konformità mal-Artikolu 36(4)(a) tad-Direttiva 2014/59/UE, fejn disponibbli; jew
 - d. ir-riżultati ta' kwalunkwe valutazzjoni oħra speċifika għall-istituzzjoni tal-valur tal-assi u tal-obbligazzjonijiet tagħha li tkun tnejniet, kemm jekk immexxija minn valwatur indipendenti jew minn awtorità tar-riżoluzzjoni jew kwalunkwe persuna oħra, sakemm il-metodoloġija tal-valwazzjoni applikata tkun konsistenti mal-Artikolu 36 tad-Direttiva 2014/59/UE, billi tappoġġja determinazzjoni li l-assi tal-istituzzjoni huma inqas mill-obbligazzjonijiet tagħha jew li dan x'aktarx li jseħħ fil-futur qrib. Jistgħu jintużaw elementi tar-riżultati tal-valwazzjoni fid-determinazzjoni ta' jekk l-istituzzjoni tiksirx jew huwiex probabbli li tikser fil-futur qrib ir-rekwiżiti tal-fondi proprji stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 b'mod li jiġġustifika l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tagħha, fejn disponibbli.
21. Elementi addizzjonali li għandhom jiġu kkunsidrati meta titwettaq id-determinazzjoni speċifikata fil-paragrafu 19, fejn ikunu rilevanti għall-karatteristiċi tal-istituzzjoni, jinkludu:
- a. it-theddiet għall-pożizzjoni kapitali u l-vijabbiltà tal-istituzzjoni li jirriżultaw minn żieda mhux temporanja sinifikanti fl-ispiża tal-iffinanzjar tal-istituzzjoni f'livell li jkun insostenibbli għall-istituzzjoni;
 - b. il-materjalizzazzjoni probabbli tal-entrati sinifikanti li ma jidhrux fil-karta bilanċjali tal-istituzzjoni (jiġifieri obbligazzjonijiet kontinġenti) fil-futur qrib, li tikkawża telf sostanzjali li jkun ta' theddida għall-pożizzjoni kapitali u l-vijabbiltà tal-istituzzjoni;
 - c. l-iżviluppi avversi sinifikanti fl-ambjent makro-ekonomiku li jistgħu jkunu ta' theddida għall-pożizzjoni kapitali u l-vijabbiltà tal-istituzzjoni, inklużi l-iżviluppi rilevanti fir-rati tal-imgħax, il-valuri tal-proprjetà immobbli jew it-tkabbir ekonomiku. Dawn l-iżviluppi għandhom jaffettwaw b'mod avvers u sinifikanti l-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni, il-prospetti għall-profittabbiltà tagħha, kif ukoll il-pożizzjoni kapitali u l-vijabbiltà tagħha;
 - d. deterjorament sinifikanti fil-perċezzjoni tas-suq ta' istituzzjoni kif rifless permezz ta' indikaturi li jissuġġerixxu li s-solvenza tal-istituzzjoni hija severament indebolita, filwaqt li l-pożizzjoni kapitali u l-vijabbiltà tagħha huma mhedda, kif rifless, fost l-oħrajn, fil-livell price-to-book li qed jikkollassa jew fil-livell li qed jiżdied b'mod rapidu tal-ingranaġġ ekonomiku (jiġifieri l-ingranaġġ ekonomiku mkejjeż bħala l-proporzjon tal-assi totali għall-valur tal-ekwità fis-suq). L-iżvilupp taż-żewġ proporzjonijiet jista' jitqabbel mal-grupp tal-pari tal-istituzzjoni, billi jiġu debitament ikkunsidrati d-distorsjonijiet li jistgħu jirriżultaw mid-differenzi fl-istandards tal-kontabbiltà; jew
 - e. deterjorament mhux temporanju sinifikanti fl-evoluzzjoni assoluta u relattiva tal-indikaturi tas-suq, inklużi, fejn disponibbli, indikaturi bbażati fuq l-ekwità (pereżempju l-prezz tal-ishma u l-proporzjon tal-ekwità tal-ktieb għas-suq) jew indikaturi bbażati fuq id-dejn (pereżempju swaps ta' inadempjenza tal-kreditu jew firxiet ta' dejn subordinat), li jindikaw

li istituzzjoni x'aktarx li ġġarrab telf li jista' jkun ta' theddida għall-pożizzjoni kapitali u l-vijabbiltà tagħha.

22. B'referenza għall-paragrafu 19(b), il-każ estrem ta' pożizzjoni kapitali inadegwata jitqies bħala li jimmaterjalizza meta l-istituzzjoni ma jkollhiex biżżejjed assi sabiex tkopri l-obbligazzjonijiet tagħha. Il-probabbiltà ta' sitwazzjoni bħal din tista' tiġi vvalutata fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi u l-avvenimenti elenkati fil-paragrafi 20 u 21.

3. Il-pożizzjoni tal-likwidità

23. B'konformità mal-Artikolu 32(4)(a) u (c) tad-Direttiva 2014/59/UE, istituzzjoni għandha titqies bħala li qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli jekk ikun hemm elementi oġġettivi li jappoġġjaw determinazzjoni li fil-futur qrib hija ser:
- tikser ir-rekwiżiti regolatorji tal-likwidità, inklużi r-rekwiżiti imposti skont l-Artikolu 105 tad-Direttiva 2013/36/UE, għat-tkomplija tal-awtorizzazzjoni b'mod li jiġġustifika l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tagħha mill-awtorità kompetenti; jew
 - ma tkunx tista' tħallas id-djun u l-obbligazzjonijiet hekk kif isiru dovuti.
24. Id-determinazzjoni ta' jekk huwiex probabbli li l-istituzzjoni ma tkunx tista' tissodisfa r-rekwiżiti regolatorji għal-likwidità jew tħallas id-djun u l-obbligazzjonijiet tagħha hekk kif isiru dovuti għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li, fost l-oħrajn, jinkludu:
- a. l-iżviluppi avversi sinifikanti li jaffettwaw l-evoluzzjoni tal-pożizzjoni tal-likwidità tal-istituzzjoni u s-sostenibbiltà tal-profil tal-finanzjament tagħha, u l-konformità tagħha mar-rekwiżiti minimi għal-likwidità kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u mar-rekwiżiti addizzjonali imposti skont l-Artikolu 105 ta' dak ir-Regolament jew skont kwalunkwe rekwiżiti minimi nazzjonali għal-likwidità;
 - b. l-evoluzzjoni avversa mhux temporanja sinifikanti tal-bafer tal-likwidità tal-istituzzjoni u l-kapaċità tal-kontrobilanċjar tagħha. Il-valutazzjoni tad-dinamika tal-kapaċità tal-kontrobilanċjar għandha tikkunsidra, fejn rilevanti:
 - influssi ta' likwidità probabbli ħafna, inklużi l-linji tal-likwidità u tal-krediti impenjati riċevuti;
 - kwalunkwe influż kuntrattwali mbassar;
 - il-kapaċità li l-finanzjament jiġi mġedded (inklużi l-maturità u t-tip ta' strumenti tal-finanzjament il-ġdid);
 - l-aċċess għal finanzjament fit-tul;
 - tnaqqis kbir u straordinarju jew terminazzjoni tal-linji tal-likwidità minn kontropartijiet;

- c. żieda mhux temporanja fl-ispejjeż tal-finanzjament tal-istituzzjoni għal livell insostenibbli, kif rifless b'mod partikolari minn żieda fl-ispejjeż (pereżempju, kif rifless fil-firxiet) tal-finanzjament garantit u mhux garantit fir-rigward tal-istituzzjonijiet komparabbli;
- d. evoluzzjoni avversa sinifikanti tal-obbligi attwali u futuri tal-istituzzjoni. Il-valutazzjoni tal-evoluzzjoni tal-obbligi tal-istituzzjoni għandha tikkunsidra, fejn rilevanti:
- il-ħruġ mistenni u eċċezzjonali tal-likwidità, inklużi t-talbiet mill-kontropartijiet tal-istituzzjoni għal appelli għall-marġini u/jew amortizzazzjoni bikrija tal-obbligazzjonijiet u s-sinjali emerġenti ta' assalti bankarji potenzjali;
 - ir-rekwiżit tal-kollateral mistenni u eċċezzjonali, kif ukoll l-evoluzzjoni tat-telf impost fuq il-kollateral mill-kontropartijiet ċentrali u minn kontropartijiet oħrajn;
 - kwalunkwe obbligu kontinġenti, inklużi dawk li jirriżultaw mil-linji tal-kreditu u tal-likwidità mogħtija;
- e. il-pożizzjoni tal-istituzzjoni fis-sistemi tal-ħlas, tal-ikklerjar u tas-saldu u kwalunkwe indikazzjoni li l-istituzzjoni qiegħda tesperjenza diffikultajiet sabiex tissodisfa l-obbligi tagħha, inkluż sabiex tesegwixxi l-pagamenti fis-sistemi tal-ħlas, tal-ikklerjar u tas-saldu; jew
- f. l-iżviluppi li x'aktarx idgħajfu severament ir-reputazzjoni tal-istituzzjoni, b'mod partikolari t-tnaqqis fil-grad tal-klassifikazzjoni minn aġenzija tal-klassifikazzjoni waħda jew aktar jekk dawn iwasslu għal ħruġ sostanzjali jew in-nuqqas ta' abbiltà li jġeddu l-finanzjament jew għall-attivazzjoni tal-iskattaturi kuntrattwali abbażi tal-klassifikazzjonijiet esterni.
25. Elementi addizzjonali li għandhom jiġu kkunsidrati, fejn rilevanti għall-karatteristiċi tal-istituzzjoni, jinkludu:
- a. l-iżviluppi avversi sinifikanti fl-ambjent makro-ekonomiku li jistgħu jkunu ta' theddida għall-pożizzjoni finanzjarja u l-vijabbiltà tal-istituzzjoni, inklużi l-iżviluppi fir-rati tal-imgħax, il-valuri tal-proprjetà immobbli jew it-tkabbir ekonomiku. Tali żviluppi għandhom jaffettwaw, direttament jew indirettament, il-pożizzjoni tal-likwidità tal-istituzzjoni b'mod avvers sinifikanti; jew
- b. deterjorament sinifikanti fil-perċezzjoni tas-suq ta' istituzzjoni kif rifless permezz ta' sinjali ta' deterjorament mhux temporanju fl-evoluzzjoni assoluta u relattiva tal-indikaturi tas-suq, inkluż, fejn disponibbli, l-indikaturi bbażati fuq l-ekwità (pereżempju l-prezz tal-ishma u l-proporzjon tal-ekwità book-to-market), jew l-indikaturi bbażati fuq id-dejn (pereżempju swaps ta' inadempjenza tal-kreditu u firxiet ta' dejn subordinat), li jindikaw li istituzzjoni x'aktarx li għarrab telf jew tiffaċċja problemi ta' likwidità li jistgħu jkunu ta' theddida għall-vijabbiltà tagħha.

4. Rekwiżiti oħrajn għat-tkomplija tal-awtorizzazzjoni

26. Skont l-Artikolu 32(4)(a) tad-Direttiva 2014/59/UE, istituzzjoni għandha titqies bħala li qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli meta hija tikser, jew fil-futur qrib x'aktarx li tikser, ir-rekwiżiti għat-tkomplija tal-awtorizzazzjoni b'mod li jiġġustifika l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tagħha mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2013/36/UE.
27. Għall-fini ta' dak li ntqal hawn fuq, l-awtorità kompetenti u/jew l-awtorità tar-risoluzzjoni għandha tikkunsidra, fost l-oħrajn, jekk hemmx dgħjufijiet serji fl-arranġamenti ta' governanza tal-istituzzjoni, kif ukoll fil-kapaċità operattiva tagħha, u jekk dawn id-dgħjufijiet għandhomx impatt materjali fuq l-affidabbiltà tal-istituzzjoni u l-kapaċità tagħha li tipprovdi servizzi bankarji/ta' investiment.

4.1. Arranġamenti ta' governanza

28. Ċerti elementi oġġettivi għandhom jindikaw li istituzzjoni għandha dgħjufijiet serji fl-arranġamenti ta' governanza tagħha li jistgħu, f'ħafna każijiet flimkien ma' elementi oġġettivi oħrajn relatati mal-kapital u l-likwidità, jiġġustifikaw l-irtirar tal-awtorizzazzjoni. Fost l-oħrajn, dawn l-elementi jinkludu:
- a. dikjarazzjonijiet żbaljati sinifikanti fir-rappurtar regolatorju jew fir-rendikonti finanzjarji li jirriżultaw, b'mod partikolari, f'rifjut ta' opinjoni jew l-għoti ta' opinjoni kkwalifikata mill-awditur estern;
 - b. imblokk fit-tul fil-korp maniġerjali tal-istituzzjoni, li jwassal għan-nuqqas ta' abbiltà tagħha li tiegħu deċiżjonijiet kritiċi;
 - c. akkumulazzjoni ta' nuqqasijiet materjali f'oqsma ewlenin tal-arranġamenti ta' governanza, li flimkien iħallu impatt prudenzjali negattiv materjali fuq l-istituzzjoni.
29. Għall-finijiet tal-paragrafu 28(c), eżempji ta' tali nuqqasijiet materjali, li flimkien jistgħu jħallu impatt prudenzjali negattiv materjali fuq l-istituzzjoni, jistgħu jinkludu:
- ippjanar strateġiku inadegwat u formalizzazzjoni tat-tolleranza/predispożizzjoni għar-riskju u l-qafas għall-ġestjoni tar-riskju, li jwasslu għan-nuqqas ta' abbiltà tal-identifikazzjoni, tal-ġestjoni u tar-rappurtar tar-riskji li l-istituzzjoni hija jew tista' tkun esposta għalihom;
 - dgħjufijiet, nuqqasijiet jew kwistjonijiet materjali li ma ġewx irrapportati kif suppost u/jew b'mod f'waqtu lill-korp maniġerjali;
 - mekkaniżmi inadegwati ta' kontroll intern;
 - deprezzament kbir tar-reputazzjoni li jirriżulta min-nuqqas ta' konformità ma' kriterji 'kompetenti u idonei' ta' individwi b'funzjonijiet ewlenin fl-istituzzjoni;

- deprezzament kbir tar-reputazzjoni li jirriżulta minn nuqqas ta' trasparenza fit-twertiq tan-negozju u tal-operazzjonijiet jew divulgazzjoni inkompleta/impreċiża ta' informazzjoni;
- litigazzjoni jew tilwimiet kbar fin-nomina u s-suċċessjoni ta' individwi li jwettqu funzjonijiet ewlenin fl-istituzzjoni;
- nuqqas ta' konformità maġġuri mar-rekwiżiti tar-rimunerazzjoni.

4.2. Kapaċità operattiva li jiġu pprovduti attivitajiet irregolati

30. Ċerti elementi oġġettivi jistgħu jħallu impatt negattiv fuq il-kapaċità operattiva tal-istituzzjoni li tipprovdi attivitajiet bankarji u ta' investiment, anki mingħajr ma tikser ir-rekwiżiti regolatorji tal-fondi proprji u tal-likwidità. Tali ċirkostanzi u avvenimenti, meta ma jkunux kontinġenti u ma jkunux jistgħu jitneħħew b'mod f'waqtu u effikaċi, għandhom jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni ta' jekk l-istituzzjoni hijiex qiegħda tfalli jew x'aktarx li tfalli. Fost l-oħrajn, l-indikaturi taċ-ċirkostanzi u l-avvenimenti negattivi jinkludu:
- a. in-nuqqas ta' abiltà tal-istituzzjoni, minħabba limitazzjonijiet operattivi persistenti, li tibqa' tissodisfa l-obbligi tagħha lejn il-kredituri tagħha, b'mod partikolari, in-nuqqas li tibqa' tipprovdi sigurtà għall-assi fdati lilha mid-depożituri tagħha;
 - b. in-nuqqas ta' abiltà tal-istituzzjoni li tagħmel jew tirċievi pagamenti u, b'hekk, li twettaq l-attivitajiet bankarji tagħha minħabba limitazzjonijiet operattivi persistenti;
 - c. it-telf ta' fiduċja mill-istituzzjoni fis-suq u fid-depożituri minħabba riskji operattivi, li jwassal għal sitwazzjoni fejn l-istituzzjoni ma tkunx tista' tibqa' twettaq l-attivitajiet ta' negozju tagħha (kif muri min-nuqqas ta' rieda tal-kontropartijiet tagħha u ta' partijiet interessati oħrajn li jinnegozjaw mal-istituzzjoni jew jipprovduha kapital u, fejn rilevanti, mill-intenzjoni tal-kontropartijiet eżistenti li jterminaw il-kuntratti tagħhom, inkluż assalt bankarju).

Titolu III – Il-proċess tad-determinazzjoni li istituzzjoni qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli

1. Determinazzjoni magħmula mill-awtorità kompetenti

31. Il-valutazzjoni tal-elementi oġġettivi stipulati fit-Titolu II ta' dawn il-Linji Gwida ġeneralment titwettaq mill-awtorità kompetenti matul l-SREP imwettaq b'konformità mal-Linji Gwida dwar l-SREP. L-eżiti tal-valutazzjoni tal-SREP ser jiġu riflessi fil-valutazzjoni globali tal-SREP appoġġjata mill-punteġġ globali tal-SREP assenjat lil istituzzjoni. Skont l-eżiti tal-valutazzjoni tal-SREP, l-awtorità kompetenti għandha tibbaża d-determinazzjoni tagħha li istituzzjoni qiegħda tfalli jew li x'aktarx tfalli fuq dawn li ġejjin:

- a. Punteġġ globali tal-SREP ta' 'F' assenjat lil istituzzjoni abbażi tal-kunsiderazzjonijiet stipulati fil-Linji Gwida dwar I-SREP; jew
 - b. Punteġġ globali tal-SREP ta' '4' assenjat lil istituzzjoni abbażi tal-kunsiderazzjonijiet stipulati fil-Linji Gwida dwar I-SREP u n-nuqqas ta' konformità mal-miżuri superviżorji applikati b'konformità mal-Artikoli 104 u 105 tad-Direttiva 2013/36/UE, jew mal-miżuri ta' intervent bikri applikati b'konformità mal-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2014/59/UE.
32. Ta' min jinnota li, kuntrarju għall-proċedura standard tal-SREP applikata għall-gruppi bankarji transkonfinali u għall-entitajiet tagħhom (li skont il-Linji Gwida dwar I-SREP tirrikjedi diskussjoni u koordinazzjoni tal-eżiti tal-valutazzjoni tal-SREP fil-qafas tal-kulleġġi tas-superviżuri qabel l-iffinalizzar tagħhom), l-awtorità kompetenti għandha, wara li tikkunsidra li tassenja punteġġ ta' 'F' lil istituzzjoni, skont l-Artikolu 81 tad-Direttiva 2014/59/UE, tinvolvi ruħha mal-awtorità tar-risoluzzjoni skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59/UE mingħajr diskussjoni jew koordinazzjoni minn qabel fi f'dan il-kulleġġ superviżorju.

2. Determinazzjoni magħmula mill-awtorità tar-risoluzzjoni

33. Meta l-awtorità tar-risoluzzjoni tiġi inkarigata biex tiddetermina jekk istituzzjoni hijiex qiegħda tfalli jew huwiex probabbli li tfalli, hija għandha tikkunsidra l-elementi oġġettivi pprovduti fit-Titolu II ta' dawn il-Linji Gwida fir-rigward tal-pożizzjoni kapitali u l-pożizzjoni tal-likwidità tal-istituzzjoni u aspetti oħrajn fir-rigward tar-rekwiżiti għat-tkomplija tal-awtorizzazzjoni abbażi tal-informazzjoni li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-awtorità tar-risoluzzjoni.
34. L-elementi oġġettivi elenkati fit-Titolu II ta' dawn il-Linji Gwida għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni wkoll meta jiġu analizzati l-eżiti rilevanti tal-SREP imwettaq mill-awtorità kompetenti li jiġu pprovduti lill-awtorità tar-risoluzzjoni skont il-paragrafu 40.
35. Waqt li tkun qiegħda tiddetermina li istituzzjoni qiegħda tfalli jew x'aktarx li tfalli, l-awtorità tar-risoluzzjoni għandha tikkunsidra wkoll, bħala element oġġettiv, in-notifika riċevuta mingħand l-awtorità kompetenti, li tiddikjara li kien assenjat punteġġ globali tal-SREP ta' '4' lil istituzzjoni abbażi tal-kunsiderazzjonijiet stipulati fil-Linji Gwida dwar I-SREP; u li l-istituzzjoni naqset milli tikkonforma mal-miżuri superviżorji applikati b'konformità mal-Artikoli 104 u 105 tad-Direttiva 2013/36/UE jew mal-miżuri ta' intervent bikri applikati b'konformità mal-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2014/59/UE.

3. Konsultazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn l-awtorità kompetenti u l-awtorità tar-risoluzzjoni

36. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 90 u għall-Artikolu 32(2) tad-Direttiva 2014/59/UE, sabiex jiffaċilitaw il-fluss f'waqtu tal-informazzjoni għall-fini tal-valutazzjoni ta' jekk istituzzjoni hijiex qiegħda tfalli jew huwiex probabbli li tfalli, l-awtorità kompetenti u l-awtorità tar-risoluzzjoni għandhom jiskambjaw l-informazzjoni b'konformità mar-rekwiżiti stipulati hawn taħt.

37. Qabel jikkonkludu d-determinazzjoni li l-istituzzjoni qiegħda tfalli jew x'aktarx li tfalli, l-awtorità kompetenti u l-awtorità tar-risoluzzjoni għandhom jiddiskutu kif xieraq ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tagħhom.
38. Mal-identifikazzjoni tal-preżenza tal-elementi oġġettivi speċifikati fit-Titolu II ta' dawn il-Linji Gwida, l-awtorità tar-risoluzzjoni għandha titlob lill-awtorità kompetenti biex tispjega jekk u kif dawn iċ-ċirkostanzi kienu riflessi fil-valutazzjoni globali tal-SREP tal-istituzzjoni.

3.1. Informazzjoni pprovduta mill-awtorità kompetenti

39. Skont l-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 2014/59/UE, l-awtorità kompetenti hija mitluba li tgħarraf lill-awtorità tar-risoluzzjoni dwar id-determinazzjoni li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' intervent bikri ġew issodisfati. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 81(2) tad-Direttiva 2014/59/UE, l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-awtorità tar-risoluzzjoni dwar kwalunkwe miżuri ta' prevenzjoni ta' kriżi (definiti fil-punt (101) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE), jew kwalunkwe azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE li istituzzjoni jkollha bżonn tiegħu.
40. Sabiex tiffaċilita l-iskambji ta' informazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi wkoll lill-awtorità tar-risoluzzjoni bl-eżiti tal-SREP, mill-inqas kull darba li l-awtorità kompetenti tassinja punteġġ globali tal-SREP ta' '4' jew 'F' abbażi tal-eżiti tal-SREP. B'mod partikolari, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-awtorità tar-risoluzzjoni u tipprovdiha l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-istituzzjoni speċifika:
 - a. sommarju tal-valutazzjoni globali tal-SREP flimkien mal-punteġġi kollha tal-SREP;
 - b. is-sett komplet ta' indikaturi użati fil-monitoraġġ regolari tal-indikaturi ewlenin li jappoġġjaw lill-SREP, kif stipulat fil-Linji Gwida dwar l-SREP;
 - c. id-dettalji kollha dwar il-miżuri superviżorji applikati (skont l-Artikoli 104 u 105 tad-Direttiva 2013/36/UE) u l-miżuri ta' intervent bikri (skont l-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2014/59/UE), kif ukoll deskrizzjoni tal-konformità tal-istituzzjoni magħhom; u
 - d. id-dettalji dwar l-għażliet ta' rkupru applikati mill-istituzzjoni, fejn rilevanti.

3.2. Informazzjoni pprovduta mill-awtorità tar-risoluzzjoni

41. Mal-identifikazzjoni tal-elementi oġġettivi speċifikati fit-Titolu II ta' dawn il-Linji Gwida, l-awtorità tar-risoluzzjoni għandha tipprovdi s-sejbiet u r-raġunament tagħha bil-miktub lill-awtorità kompetenti.
42. L-awtorità kompetenti għandha tiġi mgħarrfa f'kull każ meta l-awtorità tar-risoluzzjoni:

- tiddeċiedi li teżerċita s-setgħa li titlob lil istituzzjoni sabiex tikkuntattja lix-xerrejja potenzjali sabiex iħejju għar-risoluzzjoni tal-istituzzjoni, skont l-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 2014/59/UE;
- titlob li l-valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjonijiet titwettaq minn valwatur indipendenti, jew tiddeċiedi li l-valwazzjoni provviżorja titwettaq mill-awtorità tar-risoluzzjoni, skont l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2014/59/UE;
- tirċievi r-riżultati tal-valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet ta' istituzzjoni, skont l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2014/59/UE, mingħand il-valwatur indipendenti jew tiddetermina r-riżultat tal-valwazzjoni provviżorja li tkun wettqet.

Titolu IV - Dispożizzjonijiet Finali u Implimentazzjoni

43. Dawn il-Linji Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2016.